**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002

Citazzjoni numru 1031/2000 AJM

Kawza numru

Avukat Dr. Joe Borg Bartolo bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Stafford Miller s.r.l. skond prokura hawn annessa bhala dokument X.

Vs

Eric Zammit

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-25 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' hadx-il elf disa' mija u sebghin punt wiehed u hamsin euros (Euros 11,970.51) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, fuq ordni tieghu, kif jidher mill-fatturi hawn annessi bhala dokumenti A,B u C, u cioe in kwantu ghal EUROS 11,251.60 skond afftura A, in kwantu ghal EUROD 134.28 skond fattura

B u inkwantu ghal EUROS 586.63 bilanc mill-fattura C; illi ghalkemm mitlub biex jhallas anke permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 2000 il-konvenut baqa' inadempjenti; illi l-kreditu tas-socjeta' atrici huwa ert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenut ma ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Dr. Joe Borg Bartolo dok Y; talab li din il-Qort:-

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12 u
2. tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' EUROS 11,970.51 fuq imsemmija ekwivalenti fi flus maltin ghal erbat elef seba' mija tlieta u tmenin u erba' centezimu (LM4783.04) bir-rata tal-kambju ta' LM1 : EURO 2,5027 jew ammont verjuri skond ir-rata ta' kambju meta jsir il-hlas, dovut kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-9 ta' Frar 2000 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Gunju 2000 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta' t-talba attrici.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Gunju 2000 meta l-konvenut b'referenza ghat-talba tieghu biex jikkontesta t-talba attrici ddikjara:-

a. li mhux qed jikkontesta l-pretensjoni ta’ EUROS 11,251.60 skond fattura A, li pero’ dan l-ammont mhux dovut billi ghandu jkun hemm tpacija;

b. illi l-ammonti ta’ 134.28 u 584.63 indikati fil-fatturi B u C gew addebitati lilu wara li hallas l-imsemmija fatturi u dan ma jafx biha u inoltre l-ammont ta''584.63 jeccedi l-ammont indikat fil-fattur C.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut presentata fl-10 ta’ Lulju 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur noe.
2. Illi filwaqt li l-ammont fil-fattura Dok A mhux kontestat – salv dak li jinghad aktar l-isfel – l-ammonti pretizi mill-attur nomine li skond hu jirrizultaw mill-fatturi Dok B u C, m’hux dovuti billi dawn l-ammonti pretizi zdiedu wara li l-fatturi originali (i.e. minghajr dawn iz-ziediet) kienu gja thallsu. Di piu’ iz-zidiet mitluba ma humiex aktar ripetibbli billi l-prodotti in kwistjoni llum inbieghu;
3. Illi fi kawlunkwe kaz l-ammont tal-volta dovut lill-attur noe ghandu jkun pacut mas-somma dovuta mill-attur noe lill-eccipjent in linea ta’ danni kif jirrizulta mill-kontro talba li ssegwi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-kontro talba tal-konvenut presentata kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha wara li ppremetta illi huwa kien ilu jinnegozja mas-socjeta' attrici u mas-socjeta’ awtrici taghha ghal 16-il sena; illi tul dan iz-zmien kollu dejjem wettaq ix-xoghol tieghu bl-aktar reqqa tant li kien hu li introduca hawn Malta l-prodotti in kwistjoni u

mexxijhom permezz ta’ reklamar u kuntatti personali. Il-prodotti huma minn ta’ quddiem fil-linja taghhom; illi s-socjeta’ attrici fetlilha tittermina unilateralment il-ftehim ma’ l-esponenti ghalkemm dan bl-ebda mod ma kien mexa hazin jew kien in mala fede tant li qatt ma kien allegat li huwa ghamel xi rregolaritajiet jew li kellu xi nuqqasijiet; illi minhabba tali terminazzjoni l-esponenti sofra danni konsiderevoli kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li bit-terminazzjoni tan-negozju bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut dan sofra danni;
2. tillikwida dawn id-danni;
3. tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas id-danni rizultanti wara tpacija mal-ammont dovut lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut.

Rat in-nota tal-attur b’risposta ghall-kontro talba tal-konvenut resentata fis-17 ta’ Ottubru 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-konvenut billi t-terminazzjoni tal-ftehim ta’ distribuzzjoni da parti tal-attur nomine kienet valida u lecita u l-ftehim seta’ liberament jigi terminat hesrem mill-attur noe x‘hin u meta jrid, izda l-attur nomine xorta ta sitt xhur zmien biex il-konvenut jirregola ruhu, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ma huma dovuti ebda danni lill-istess konvenut;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda danni ma huma dovuti lill-konvenut billi tul-izmien li innegozja mal-attur nomine,

l-konvenut lahaq ibbenefika b'mod konsiderevoli minn dak kollu li ghalih kien hadem.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2001meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Il-konvenut ghamel zmien twil jimporta gewwa Malta prodotti depilatrici manifatturati mis-socjeta' VAJ s.p.a tal-Italia. Fl-1998 din is-socjeta' inbieghet lis-socjeta' Stafford-Miller ta' l-Amerika u wara xi zmien, in segwitu ghal zjara hawn Malta ta' rappresentanti tas-socjeta' l-gdida ittiehdet decizjoni minn din l-istess socjeta' li ma jibqghux jfornu lill-konvenut bil-prodotti taghhom billi kienu ser jghamlu arrangamenti godda ma distributur iehor li kien jinkwadra fil-'policy' ta' din il-kumpanija. Sakemm din id-decizjoni ittiehdet u giet komunikata lill-konvenut saru xi ordnijiet ghall-merkanzija ghand is-socjeta'. Izda meta l-konvenut gie interpellat biex jhallas l-ammont dovut dan irrifjuta billi fil-kaz ta' zewg invoices sostna li dawn kienu imhallsa u kull bilanc issa reklamat ma kienx jirrizulta fl-ewwel fatturi u gie mizjud wara. Fir-rigward tal-fattur ghall-ammont ta' EUROS 11,251.60 il-konvenut jammetti dan id-debitu izda jsostni li ghandha issir tpacija ma ammont

superjuri dovut lilu in linea ta' danni minhabba t-terminazzjoni tar-relazzjonijiet ta' negozju li huwa kellu.

**Dwar l-ammonti bilancjali.**

Is-socjeta attrici qed issostni li fuq zewg fatturi, indikati bhala Dok B u C annessi mac-citazzjoni, l-konvenut fadallu bilanci ta' 134.28 u 584.63 Euros. Jirrizulta li dawn l-ammonti huma reklamati ghall-spejjes ta' trasport tal-merkanzija mid-destinazzjoni ghal Malta. Izda meta wiehed iqabbel l-fatturi imsemmija li gew ezebiti mis-socjeta' attrici ma dawk ezebiti mill-konvenut a fol 30 u 31 tal-process, li huma kopji tal-fatturi originali li thallsu mill-konvenut, kif jidher mit-timbru tal-bank, jirrizulta li l-fatturi ezebiti mac-citazzjoni juru ammonti addizzjonali li ma kienux inkluzi f'dawk ta' meta l-konvenut importa l-merkanzija. Dan apparti l-fatt li l-ammont addizzjonali fil-fattura 'C' gahdu jkun ta' 387.35 Euros u mhux 584.63.

Il-konvenut ordna il-merkanzija indikata fil-fatturi imsemmija bil-prezz hemm indikat u dan sussegwentement innegozjaha fuq is-suq lokali a bazi tal-prezzijiet imsemmija. Ma ingiebet ebda prova li l-ammonti reklamati issa bhala bilanci kienu reklamati fid-data tal-konsenja u ghalhekk is-socjeta' attrici a tistax issa titlob ammont ulterjuri meta in-negozju gie kuntrattat fuq prezzijiet fissi. Dawn l-ammonti ghalhekk ma humiex dovuti.

**Dwar it-tpacja.**

Il-konvenut, kif gja inghad fuq jammetti li huwa debitur fis-somma indikata fil-fattura indikata bl-ittra 'A' fl-ammont ta' 11,251.60 Euros

izda jippretendi li ma ghandux jigi kundannat ihallasha minhabba pretensjoni tieghu ghad-danni kif jissemma fil-kontro talba minnu maghmula.

Mill-provi prodotti ma jirrizulta li ma kien hemm ebda relazzjoni '*kuntrattwali*' bejn il-kontendenti naxxenti minn xi kuntratt jew xi ftehim partikolari fejn e.g. il-konvenut kien appuntat bhala rappresentant jew sole agent tas-socjeta' manifatturatrici tal-prodott ghas-suq lokali. Jirrizulta biss li l-konvenut kien ghal diversi snin jimporta gewwa Malta l-prodott tas-socjeta' VAJ s.p.a. konsistenti f'prodotti depilatorji. Ghalhekk proprjament la s-socjeta' VAJ u lanqas is-socjeta' attrici ma kellha obbligi versu l-konvenut u dawn setghu f'kull hin u f'kull stadju itterminaw ir-relazzjonijiet li kellhom mal-konvenut billi ma jibqghux jibieghlu u jikkonsenjawlu l-prodott taghhom. Il-konvenut konsegwentement ma jistax jivvanta ebda dritt vis-a-vis s-socjeta' attrici u daqstant ma jista' jirreklama ebda kumpens in linea ta' danni bhala konsegwenza tad-decizjoni li kienet ittiehdet mis-socjeta' attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-kontro talba tal-konvenut, tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hdax-il elf mitejn wiehed u hamsin punt sittin Euros, (Euros 11,251.60) jew ammont ekwivalenti fi valuta maltija, bl-imghax legali mil-lum u dana in vista li t-talba mhux qed tigi milqugha in toto,

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-kontro talba, kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri